**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 51/06**

L-Erbgħa 28 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER |
| CLAUDIENNE LANZON | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA | SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 50/06 għax xahar ta' Novembru 2012 u Quarterly Financial Report Lulju – Settembru 2012
4. Milied
5. Rapporti mill-Kunsilliera
6. Ħwejjeġ oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

### *1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 50/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku l-Kav. Paul Farrugia u mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

### *2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)*

**i.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fuq il-proġett tal-ERDF, l-Avukat tal-Kunsill ħareġ ittra legali mill-Qorti lill-Kuntrattur u ingħata 3 ijiem ċans biex iwieġeb għal din l-ittra. *ERDF*

Il-Kuntrattur min-naħa tiegħu wkoll wieġeb għal din l-ittra permezz tal-Avukata tiegħu. Flimkien mal-ittra ta' tweġiba ppreżentqa wkoll skeda ta' xogħlijiet ta' kif ser ikunu mqassma il-pendenzi li fadal sal-aħħar tas-sena.

Is-Sindku kompla jgħid li għalkemm s'issa jidher li l-kuntrattur qed iżomm ma' din l-iskeda, l-iktar ħaġa li qed tinkwetaħ hija l-gazebos. Il-gazebos huma fost l-iktar affarijiet għaljin mill-kuntratt. Skond din l-iskeda dawn il-gazebos għandhom jaslu ix-xahar id-dieħel. Peress li l-kuntrattur kien kkonferma li kellu xi problemi finanzjarji, is-Sindku qal li għalhekk ġejna mitluba mill-PPCD sabiex nitolbu konferma u/jew delivery note mingħand il-kuntrattur bħala konferma li vera x-xogħol ġie ordnat minn barra. Il-Kuntrattur bgħat ittra li qal ġiet mill-Italja, fuq karta bajda, mingħajr letterhead li ma tantx tagħmel sens għal kumpanija bħal dik. Il-PPCD ġiet infurmata b'dan kollu.

Is-Sindku kompla jgħid li għalissa lest li jistenna biex jara x'ser jiġri pero imbagħad jekk ma jżommx mad-dati huwa lest li anke jiftaħħlu kawża l-Qorti.

**ii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward ix-xogħol fl-area ta' Luqa Road bejn il-blokki issa beda. Is-Sindku kompla jgħid li wara li l-KNPD talbuna xi aġġustamenti, allura spjega li kellu jagħmel xi tibdil fir-rampa u fiċ-ċint sabiex din tiġi iktar inklinata. Kellu wkoll jwaqqa' kostruzzjoni llegali. *Proġett-Luqa Road*

Kompla jgħid li sadanittant bħalissa qed nittrattaw il-ħitan ta' bejn dawn il-blokki. Il-Kuntrattur ġab magna apposta sabiex jittratta l-ġebla. Dawn il-ħitan ser ikunu miksija bl-istess tip ta' materjal "crazy paving" li qed jintuża wkoll fil-proġett ta' Ġnien Veliko.

*Il-Kunsillier Ishmael Dalli wasal fis-6.30pm.*

**ii.i** Is-Sindku kompla jgħid li l-biċċa art oħra fl-istess akkwata li huwa ppjanat li jsir żvilupp ta' din l-art u tinbidel f'parkeġġ, għadu għaddej f'kuntatt mal-Entitajiet biex jara din id-devoluzzjoni fhix waslet. Jidhru li l-affarijiet pero qed jiċċaqalqu.

**iv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-PPP wasalna għat-tarmak ta' Triq Annunzjata. In-naqra kritika li kien hemm kienet ħabba d-dewmien pero ladarba lin-nies tispjegalhom imbagħad jifhmu. *PPP*

Il-pjan kien li fil-jumejn li ġejjin jingħata t-tarmak pero f'Malta bħalissa hawn nuqqas kbir ta' qatran. Allura ser ikollu jipposponi t-tarmak sakemm jidħol il-vapur bil-qatran.

**iv.ii** Issa jmiss it-tieni parti li hija l-area ta' Triq Santa Monika. It-traffic management diġa ppjanat. It-tabelli mwaħħlin kollha għalkemm bħalissa mhumiex *in vigore*.

iv.iii Is-Sindku qal li ladarba nirċievu l-kont mingħand il-Kuntrattur u jiġi ċċertifikat mil-Perit tal-Kunsill, jsir mil-ewwel il-ħlas dovut lil-Kuntrattur mingħajr ma' noqgħodu nistennew laqgħa oħra.

Il-Kunsill qabel nem con.

v. Is-Sindku qal li x-xogħol fil-Pjazzetta Santa Marija kważi lest kollu. Issa jonqos biss xi ftit xogħol ta' unvjar. *Pjazzetta Santa Marija*

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ixkafer għal-Librerija issa ġie ordnat. *Xkaffar Għal Librerija Fergħa Tarxien*

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-Tender tal-Photovoltaic System għal-proġett tal-ERDF, li l-Board tal-Evalwazzjoni għadu qed jagħmel l-evalwazzjoni. *Tender PV – progett ERDF*

viii. Is-Sindku qal li s-servizz mill-Eco Wardens beda jirranka. Intqal ukoll li għad hemm xi nuqqasijiet u lanqas bħala Reġjun m'huma sodisfatti mis-servizz mogħti. *ECO Wardens*

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-iSkema għall-Fondi Speċjali għall-Attivitajiet Kulturali applikajna għall-attivita' ta' EPOKA għal Settembru 2013. *Skema Attivitajiet Kulturali*

x. Is-Sindku spjega li dwar it-Tender għar-Resurfacing u Footway Works intbgħatu l-ittri kollha. Għaddew l-10 ijiem u l-Kuntrattur magħżul ġabilna l-Garanzija Bankarja. Issa kemm jiġi ffirmat l-Kuntratt. *Tender Resurfacing*

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bilanċ dovut lis-Sur Frans Chircop ntbgħatlu ċ-ċekk bil-Performance Bonus pro-rata dovut lilu. *Performance Bonus lill Ex Aġent Seg. Eżek.*

xii. Rigward l-Interactive DVD s-Sindku qal li nħarġet it-Tender u damet fis-suq 10 ijiem hekk kif tagħna l-permess id-Direttur. Is-Sindku kompla jispjega li nxtraw 4 tenders pero fid-data tal-għeluq intefgħu biss 3. Is-Sindku qal li hemm varjazzjoni kbira fl-offerti mitfugħa. L-iżjed waħda vantaġġjuża hija dik ta' CYBERSPACE Solution għall-valur ta' €6308.00 . *Interactive DVD*

Il-Kunsill qabel nem con li jintgħażel il-Kuntrattur CYBERSPACE Solution għall-valur ta' €6308.00 .

xiv L-Agreement Speċjali mal-Perit Dieter Falzon issa ġie ffirmat ukoll. L-ewwel pagament dovut lilu għadda u issa tħallas ukoll. Qed nistennew li jagħtina l-irċevuta fiskali. *Agreement Arch Dieter Falzon*

xv Rigward il-każ tar-Razzett ma smajna xejn iktar. *Razzett*

xvi Rigward il-każ li kellna pendenti ma' l-ARRIVA dwar il-każ tal-inċident fil-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, irċevejna ittra mingħand ALLCARE Insurance li ser jaċċettaw il-każ u jħallsu l-ispejjeż involuti ladarba nibgħatulhom xi dokumenti mitluba. *Inċident – Monument Vittmi tal-Gwerra minn tal-Arriva.*

xvi.i Is-Sindku kompla jgħid li wara li l-Kunsill rranġa l-ħsara li x-xarabank kienet għamlet, issa reġa kien hemm inċident ieħor fejn tfajla daħlet ġol Mument fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Is-Sur Pace qal li għamel kuntatt mal-Għassa tal-Pulizija Raħal Ġdid biex jiġbor ċerta dettalji dwar dan l-inċident.

Il-Kunsill ser jiġbor l-istimi għall-ispejjeż involuti.

## 3 *Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti*

3.i Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 50/06 għax-xahar ta' Novembru 2012. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

3.ii Is-Seg. Eżek. spjega l-Quarterly Financial Report ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill. Is-Seg. Eżek. Kompla jispjega li l-Kunsill kellu Financial Indicator pożittiv ta' 14%.

Dan ir-Rapport ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**4. *Milied***

4.i Is-Sindku qal li l-ittri liż-żewġ każini sabiex iżejnu t-toroq priċipali tar-Raħal intbagħtu. Sadanittant it-toroq ġew imżejna diġa'.

4.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ikla tal-Kunsill ser issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru 2012 f'nofsinhar. Il-Kunsilliera kollha u l-istaff huma kollha mistiedna.

*Il-Kunsillier is-Sur L. Bonavia rtira mil-laqgħa fis-7.30pm*

4.iii Is-Sindku qal li t-tqassim tar-rigali minn Father Xmas ser isir nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru mill-10am 'il- quddiem. Ir-rigali jridu jinġibu l-Kunsill sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2012 fl-ħinijiet tal-uffiċċju.

4.iv Is-Sindku spjega li l-Każin tal-Banda ser jorganizzaw Christmas Village u dan il-Kunsill ser jikkolabora magħhom. Il-każin ser jiġbor il-lista ta' dawn il-gabbani u fl-aħħar Il-Kunsill ser joħroġ il-permessi ta' dawn il-gabbani. U jħallas għas-servizz tal-pulizija.

4.iv.i Il-Kunsill Lokali ser jipprovdi wkoll bins u mobile toilets għal dak inhar.

4.iv.ii Il-Kunsill ser iħallas ukoll għall-konsum tal-elettriku.

Il-Kunsill qabel nem con.

4.v Inxtraw xi tiżjin apposta sabiex il-Kunsill iżejjen l-iSqaq Santa Marija Nru 1; Sqaq Misraħ tas-Suq Nru 2; kif ukoll is-siġra ta' quddiem il-Berġa fir Triq Santa Marija.

Il-Kunsill qabel nem con li jsir dan it-tiżjin.

4.vi Is-Sindku qal li l-Attivita' tal-Anzjan Tarxiniż ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Diċembru mid-9.30pm 'il quddiem fis-sala tal-Patrijiet Agostinjani.

4.vii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed insibu ħafna għajnuna mingħand il-PPCD. Għalhekk is-Sindku qed jissuġġerixxi sabiex bħala apprezzament għal din l-għajnuna ferm siewja nagħtuhom xi ħaġa f'dan iż-zmien tal-Milied. Is-Sindku ser jara xi tokens addattati.

Il-Kunsill qabel nem con ma' dan is-suġġeriment tas-Sindku.

**5 *Rapporti mill-Kunsilliera***

***I Rapport mill-Viċi Sindku s-Sur Frans Agius***

i Is-Sur Agius qall li bdew il-lezzjonijiet tal-Malti Bażiku u l-Ganutell. Hemm attendenza tajba mhux ħażin.

i.i Is-Sur Agius talab sabiex il-Kunsill jerġa joffri s-servizz b'xejn għal qari għat-tfal. Is-Sur Agius ser jipprepara l-avviżi.

Il-Kunsill qabel nem con.

i.ii Is-Sur Agius qal li għandu proposta sabiex jibdew jingħataw il-lezzjonijiet tal-ħjata. Il-ħlas ikun ta' €80 għal 10 lezzjonijiet. Is-Sur Agius ser jipprepara l-avviżi.

i.iii Is-Sur Agius qal li laqgħa oħra li jmiss organizzata mil-MTA hija fis-6 ta' Diċembru 2012 bejn id-9am u nofsinhar fl-Universita' ta' Malta. Peress li dak inhar ma jistax jattendi, talab biex forsi jattendi xi ħadd ieħor mill-Kunsill. Is-Sur Agius ser jgħaddi l-informazzjoni kollha neċessarja f'kaz li jkun ser jattendi ħaddieħor f'ismu.

i.iv Is-Sur Agius qal li l-MTA qed toffri servizz ta' Student Placement fuq dan il-proġett lil dawk il-lokalitajiet li qegħdin f'dan il-proġett.

*II* ***Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin***

Is-Sur Darmanin qal li s-Sur Clyde Dalli intgħażel bħala Żagħzugħ Tarxiniż 2013.

*III* ***Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli***

i Is-Sur Dalli qal li għal darb'oħra l-attivita' dwar lir-riċiklar tal-ħwejjeġ, żraben u handbags mtella' b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-kumpanija REFAB Malta ser tkun is-Sibt fl-1 ta' Diċembru 2012.

ii Is-Sur Dalli qal li attenda laqgħa organizzata mill-Meusac dwar il- WEE Directive. Qal li s'issa l-Kunsilli Lokali mhux ser tikkonċernahom. L-issue tagħha kienet fuq l-iskart eletroniku. Diskussjonijiet għad iridu jsiru bejn il-MEPA u DLG.

***IV Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia***

**ii** Is-Sur Bonavia qal f'Jum id-Diabete il-kunsill organizza testijiet b'xejn għal kulħadd Attendew mal-150 ruh.

**V** ***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

iii.i Is-Sinj. Vella qalet li ħarġa oħra li jmiss hija Buffet Breakfast is-Soreda Hotel nhar id-29 ta' Nov 2012.

iii.ii Is-Sinj. Vella qalet li ser torganizza ħarġa għat-tfal fl-Empire Cinema Buġibba fit-28 ta' Diċembru 2012. Kompliet tispjega li bħas-soltu lit-tfal residenti għand is-Sorijiet iħallas għalihom il-Kunsill. Il-Kunsill wkoll iħallas għal xi ħelu u affarijiet żgħar oħra. Il-prezz ser ikun €6 tfal u €8 kbar. Inkluż fil-prezz it-trasport, biljett tad-dħul fiċ-ċinema, drink u popcorn.

**VI.** ***Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

iv.i *Is-Sindku qal li l-attivita' li jmiss hija ikla nhar it-18 ta' Diċembru 2012.*

***6 Ħwejjeġ Oħra***

Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li s-Sibt 1 ta' Diċembru 2012 fl-10am fiċ-Ċentru Komunitarju ser ikun mniedi l-ktieb "Il-Ħajja Mqallba Taz-Zija Rhoda" tas-Sur Alfred Massa.Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li huma kollha mistiedna. Is-Sindku qal li kemm l-għaqdiet kif ukoll l-Membri Parlamentari huma kollha mistiedna.

Wara ser ikun hemm bibita'.

Il-Kunsill qabel nem con.

***7. Għeluq tal-Laqgħa***

i. Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm

ii. Laqgħa oħra li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012 fil-5.30pm

**Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sur Paul Pace Dip. B. A. Bus Mangt) MBA**
**Seg. Eżek**